# Maltese Literature Group Inc.
# Grupp Letteratura Maltija Ink.

Incorporation No. A8686H

*Kull korrispondenza għandha tintbagħat lis-Segretarju f'dan l-indirizz:*

**MLG, 477 Royal Parade, Parkville, Victoria 3052**

## FOLJU T'AĦBARIJIET
## Numru 211 :: DIĊEMBRU 2013



***Editur: Paul Vella***

paul.vella44@gmail.com





*Il-President u l-Kumitat tal-Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria jixtiequ lill-membri kollha u l-familji tagħhom u lill-qarrejja tal-Folju tagħna Milied Hieni u Qaddis u Sena Ġdida mimlija saħħa, risq, barka u sliem!*

***Jikteb Joe Borg, Segreatraju, Akkamdemja tal-Malti***

# TNEDIJA TA' GĦADD 32 TAR-RIVISTA *LEĦEN IL-MALTI*

Nhar il-Ħadd, 17 ta' Novembru saret it-tnedija mill-Għaqda tal-Malti – Università għadd 32 tar-rivista *Leħen il-Malti* (Ed. Emanuel Psaila), li ilha toħroġ sa mit-twaqqif tal-Għaqda fl-1931. It-tnedija saret waqt il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb fis-Sala Sir Temi Zammit, Dar il-Mediterran, il-Belt Valletta. Ħafna kontributuri kienu preżenti għal din it-tnedija, fosthom: Ġorġ Borg, Sergio Grech, Louis Briffa, Sara Vella, Stefano Farrugia, Joseph A. Cachia, Geoffrey George Attard, Mark Vella, Antoine Cassar, Amanda Busuttil, Joe Friggieri, Dwayne Ellul, Rita Kuhlmann, Rita Saliba, Patrick Sammut, Mary Chetcuti, Maurice Mifsud Bonnici, Roxette Caruana, Charles Flores, Kurt Debono, Charles Casha, Aida Secic, Clifford Jo Żahra, Lilian Sciberras, Emmanuel Attard Cassar, Audrey Friggieri, Omar Seguna, Mikiel Fsadni, Olivia Borg, Leanne Ellul, Raquel Smith, Josette Attard, Charlo Camilleri u Charles Coleiro. Waqt it-tnedija kien hemm siltiet mużikali u qari magħżul filwaqt illi wara l-pubbliku ġie mistieden biex jibqa' għal bibita ċkejkna.. Dakinhar tħabbret ukoll is-sejħa għal *Leħen il-Malti*, għadd 33. Il-pubbliku kien mistieden għat-tnedija tal-pubblikazzjoni li tgħaqqad flimkien l-akkademiċi, l-istudenti u oħrajn; kemm b'kitbiet akkademiċi kif ukoll b'kitbiet letterarji. Dakinhar il-membri u l-kontributuri ġew imħeġġa jiġbru l-kopji tagħhom b'xejn. Xi siltiet mill-kitbiet li kienu ppubblikati dakinhar, qed jidhru fil-paġna ta' *Leħen il-Malti*: www.facebook.com/lehenil-malti. Aktar tagħrif ikun qed jittella' wkoll fuq l-attività fuq Facebook: www.facebook.com/events/364816026986288

# LAQGĦA ĠENERALI ANNWALI 2013

Nhar il-Ġimgħa, 29 ta' Novembru, saret il-Laqgħa Ġenerali Annwali tal-Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria, fil-boardroom taċ-Ċentru Malti ta' Parkille.

Ħmistax-il membru attendew: Rosemary u Charles Attard, Ray u Marie Louise Anastasi, Paul u Salvina Vella, Joe u Rose Lofaro, Fr Dom De Giorgio, Michael Xuereb, Dr Victor Sammut, Alfred Xuereb, Joe Bonett, Frank Bonett u Joe Camilleri. Kien hemm aploġija minn Maria u Armando Catania.

Wara talba minn Fr De Giorgio, infetħet il-laqgħa. Inqraw il-Minuti tal-aħħar Laqgħa Ġenerali Annwali mis-Segretarja, Rosemary Attard. Wara, it-Teżorier, Ray Anastasi, qara r-Rapport Finanzjarju. Imbagħad kien imiss lill-President, Dr Victor Sammut li ta r-rapport tiegħu fejn qalilna li kellna sena ta' suċċess bil-laqgħat tagħna fejn jinqara xogħol oriġinali tal-membri tagħna jew xogħol ta' awturi oħra. Qalilna li tlifna ftit membri li ħallew din id-dinja: Joe Schembri, Laurie Armato, Edwin Baldacchino u Joe Saliba. Dr Sammut spiċċa billi qal li hemm bżonn li nħeġġu oħrajn biex isiru membri tal-Grupp tagħna. Dr Sammut irringrazzja lill-PRO, Paul Vella, li permezz tal-Folju li jippubblika kull xahar iżomm lill-membri u oħrajn informati b'dak li jiġri fostna. Huwa qal li permezz ta' dan il-folju, ħafna f'Malta u pajjiżi oħra iżommu ruħhom aġġornati ma' dak li nagħmlu hawn.

Waqt li l-laqgħa nfetħet għall-mistoqsijiet ġenerali, Fr Dom De Giorgio, staqsa għaliex waqt li aħna Grupp tal-Letteratura Maltija, inżommu l-Minuti bl-Ingliż. It-tweġiba kienet li minħabba d-Dipartiment tal-Inkorporazzjoni, jekk jitolbuna kopja tal-Minuti jridu jkunu bl-Ingliż u jekk nagħmluhom bil-Malti, fdan il-każ ikollna naqilbuhom professjonalment għall-Ingliż u nħallsu għal dan ix-xogħol.

Paul Vella rringrazzja lil Ray Anastasi għar-Rapport Finanzjarju u li jżomm il-kotba. Paul irringrazzja wkoll lil Rose Lofaro li tieħu ħsieb il-qari tal-provi tal-folju li żgur qed tagħmel xogħol tajjeb mill-kummenti li nirċievu dwar il-Malti li jkun fih. Dr Sammut mill-banda l-oħra rringrazzja lill-Kumitat kollu, speċjalment lil Ray, u lil Salvina Vella li dejjem tieħu ħsieb torganizza l-affarijiet soċjali li jkollna.

Minħabba li n-numru ta' nominazzjonijiet għall-Kumitat ġdid ma kienx akbar minn numru li kien hemm bżonn fil-Kumitat, ma kienx hemm bżonn ta' elezzjoni.

Il-Kumitat ġdid huwa l-istess kif kien qabel: *President:* Dr Victor Sammut; *Viċi-President:* Marie Louise Anastasi; *Segretarja:* Rosemary Attard; *Teżorier:* Ray Anastasi; *Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi:* Paul Vella; *Segretarja għall-attivitajiet Soċjali:* Salvina Vella. Nominazzjoni waħda biss għal kull pożizzjoni waslet għand is-Segretarja u għalhekk dawk li ġew innominati, awtomatikament ġew eletti.

Nawguraw kull suċċess lill-Kumitat ġdid għas-sena li ġejja.



Mix-xellug: **Paul Vella** (Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi), **Rosemary Attard** (Segretarja), **Dr Victor Sammut** (President), **Marie Louise Anastasi** (Viċi-President), **Ray Anastasi** (Teżorier), **Salvina Vella** (Segretarja għall-attivitajiet Soċjali).



Fuq wara, mix-xellug: Paul Vella, Michael Xuereb, Charles Attard, Dr Victor Sammut, Alfred Xuereb, Salvina Vella, Rose Lofaro, Ray Anastasi, Joe Bonett. Fuq quddiem, mix-xellug: Rosemary Attard, Fr Dom De Giorgio, Joe Camilleri, Frank Bonett, Joe Lofaro u Marie Louise Anastasi

State Government Victoria
Department of Premier and Cabinet
OFFICE OF MULTICULTURAL AFFAIRS AND CITIZENSHIP

*Proudly supported by the Office of Multicultural Affairs and Citizenship*

BOV
**BANK OF VALLETTA p.l.c.**
*Uffiċċju Rappreżentattiv:*
**16 Watt Street, Sunshine 3020**
**Telephone: 9311-3222**

# IL-FESTIN TAL-MILIED

Minħabba li ma kienx hemm ġurnata aċċettabli għal ħafna, il-Festin tal-Milied din is-sena se jsir aktar tard. Hu maħsub li dan il-Festin f'forma ta' BBQ se jinżamm fil-bidu ta' Frar. Aktar informazzjoni aktar 'il quddiem. Fl-istess ħin ftakru li l-miżata tas-sena titħallas minn Jannar. Ħafna għamlu dan fl-aħħar żewġ laqgħat. **F'Diċembru mhux se jkollna laqgħa. L-ewwel laqgħa tkun fil-31 ta' Jannar, 2014.**

# IL-LETTERATURA FIT-TRADUZZJONI

F'Ottubru (2013) id-Dipartiment tal-Istudji tat-Traduzzjoni, it-Terminoloġija, u l-Interpretar għalaq għaxar snin minn mindu twaqqaf. U biex jiċċelebraw it-twaqqif ta' dan id-Dipartiment, il-membri akkademiċi tiegħu ħarġu pubblikazzjoni, Il-*Letteratura fit-Traduzzjoni – Literature in Translation*, ktieb ta' xogħlijiet b'ilsna differenti maqlubin għall-Malti li tnieda f'lejla ta' tifkira nhar il-Ħamis 17 ta' Ottubru 2013 fil-Palazz ta' Sant Anton taħt il-ħarsien tal-President ta' Malta. It-twaqqif ta' dan id-Dipartiment, lejlet is-sħubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropea, sewa ta' ġid kbir għall-pajjiż għax ħarreġ bosta tradutturi u interpreti fuq linji professjonali. It-traduzzjoni u l-interpretar isawru dixxiplina akkademika li, f'dawn l-aħħar għoxrin sena, ġarrbet bosta tibdiliet. Is-suq dinji fit-traduzzjoni u l-interpretar mhux dejjem ilaħħaq ma' dak li titlob l-ekonomija globali u għalhekk dejjem hemm bżonn ta' tradutturi u interpreti. Barra minn hekk, it-teknoloġija l-ġdida qed tbiddel ix-xejra tal-professjoni tat-traduzzjoni u dik tal-interpretar. Id-Dipartiment iżomm ruħu aġġornat ma' dawn it-tibdiliet u x-xejriet u huwa msieħeb f'diversi għaqdiet internazzjonali. L-istudji, fi ħdan dan id-Dipartiment, isiru fil-livell postgradwatorju (l-aktar, imma mhux biss, mill-Ingliż għall-Malti) u jwaħħdu aspetti teoretiċi u tekniċi ma' aspetti u proċessi prattiċi. Il-programmi tad-Dipartiment huma mmirati għal dawk il-gradwati li jixtiequ jaqbdu karriera fit-traduzzjoni jew l-interpretar. L-istudenti jitħarrġu fit-traduzzjoni legali, kummerċjali, xjentifika, teknika, letterarja, u għall-iskrin. U r-riċerka li saret sa issa f'dawn l-għaxar snin ikkontribwiet ħafna għall-ġbir ta' bosta glossarji diffiċli u għal strateġiji ta' traduzzjoni ta' testi tekniċi u oħrajn li jinvolvu l-kreattività u forom kulturali. L-istudenti jitrawmu jirrispettaw l-udjenza mira billi jqisu kunċetti siewja bħal-lokalizzazzjoni u l-forinizzazzjoni. L-istudenti jintalbu t-tielet lingwa biex jaħdmu biha b'mod passiv. U bosta mir-riċerka tagħhom qed tinħataf mill-pubblikaturi barranin.

# IL-MOĦĦ FL-ILSIEN *(Awtur: Prof. Charles Briffa)*

*Il-Moħħ fl-Ilsien* (Malta University Publishing, 2013) jeħodna fuq vjaġġ li jibda minn qabel De Soldanis u jasal sal-Internet biex jurina: • kif ħaddmu l-Malti ta' qabilna (u allura jittratta l-istil fil-Malti għal skopijiet partikulari) u • x'qegħdin naħsbu aħna fuq ilsienna (jiġifieri, jiddiskuti xi ideat ta' żmienna).
Kif sab il-lingwa biex jaqleb il-Bibbja mill-oriġinal Mons. Pietru Pawl Saydon? X'fittex li jagħmel bil-ġurnaliżmu narrattiv tiegħu Herbert Ganado? Kif ħoloq il-lingwa San Ġorġ Preca biex jibni għaqda soda reliġjuża? X'elementi uża fil-lingwa medika bil-Malti Sir Temi Zammit? Kif żewweġ l-elementi tan-novella mal-poeżija l-Poeta Nazzjonali? Dawn huma ftit mill-ħafna mistoqsijiet li tittratta l-ewwel parti ta' dan il-ktieb li trid turi kif il-ħsieb isir lingwa f'sitwazzjonijiet partikulari.
Imbagħad wara li jara x'inkiseb permezz tal-awturi ewlenin, il-ktieb idur biex jistaqsi mistoqsijiet marbutin mal-preżent. X'nifhmu b'Malti tajjeb illum? Jeżisti l-Malti safi? Hemm sessiżmu f'ilsienna? Kif nistgħu nispjegawha l-lingwa tat-tfal? X'effett qed ikollu l-Internet fuq il-Malti?
Dawn il-mistoqsijiet u oħrajn isawru u jħawru t-tieni parti tal-ktieb li trid tibqa' turi kif il-ħsieb għadu jsir lingwa. Il-Professur Charles Briffa jgħallem it-traduzzjoni u l-letteratura Maltija fl-Università ta' Malta.

***<u>Jikteb Joe Borg, Segretarju, Akkademja tal-Malti…</u>***

# "ŻWIEĠ LA MALTIJA"

Ħareġ il-ktieb fuq il-qarċilla, id-dramm tal-poplu li kien isir waqt il-Karnival fit-toroq tal-Belt. Miktub bil-Malti fl-1760, id-dramm "Żwieġ la Maltija" kien jiġbed lin-nies tar-raħal biex jisimgħuh u jidħqu bil-vulgarità, id-doppju sens u l-ħmerijiet li jikxfu n-nuqqasijiet tas-soċjetà Maltija taż-żmien. In-nies tal-bliet, li kienu jisimgħu l-qarċilla wkoll, kienu jġarrbu xi insulti min-nutar li kien ikun qed jaqra l-kuntratt taż-żwieġ. Miżgħuda b'botti li għadhom jinftiehmu, il-qarċilla hija xhieda tas-sengħa letterarja ta' Dun Feliċ Demarco, li qajla konna nafu fuqu sal-lum. It-tnedija saret fit-30 ta' Ottubru 2013, il-Bibljoteka Nazzjonali, il-Belt. Dak in-nhar stess il-Bibljoteka organizzat wirja fuq Dun Feliċ.

# SERATA MUŻIKO-LETTERARJA PURAMENT GĦAWDXIJA

Nhar il-Ħamis 28 ta' Novembru 2013, fis-7.00 pm, fiċ-Ċircolo Gozitano, fi Pjazza Savina, Victoria, saret Serata li matulha nqraw xogħlijiet letterarji Għawdxin mill-kittieba nfushom (fejn hu possibbli) fuq produzzjoni tal-Kav Joe M Attard. Xi żewġ noti fuq il-kordi tal-kitarra ma naqsux. Kulħadd kien mistieden. Ta' min ifakkar li fi żmien qasir, il-Klabb Kotba Maltin se jippubblika ktieb dwar Kittieba Għawdxin u xi siltiet mix-xogħlijiet tagħhom li bla dubju se jkompli jbexxaq tieqa fuq il-Letteratura Maltija ta' matul dawn l-aħħar mitt sena.

***Kav Joe M Attard*** emarjos@hotmail.com

# IMNEDIJA L-BIJOGRAFIJA TA' ALEXANDER CACHIA ZAMMIT

Kite Publishers fil-jiem li għaddew ippubblikat il-ktieb *It-Tabib Sandy, Bijografija ta' Alexander Cachia Zammit* miktub minn Sergio Grech. Alexander Cachia Zammit kien figura importanti fil-kabinetti tal-Prim Ministru Borg Olivier u ta sehmu biex Malta tikseb l-indipendenza. Il-bijografija tanalizza fid-dettal lil dan il-persunaġġ li matul ħajtu kiseb ir-rispett kemm tan-Nazzjonalisti kif ukoll tal-Laburisti. Biżżejjed jiżdied li l-ktieb għandu daħla u kumment dwar Sandy mill-President Emeritus Ugo Mifsud Bonnici u l-Ministru tal-Affarijiet Barranin it-Tabib George Vella rispettivament. Fit-tnedija tal-ktieb, il-President Emeritus Edward Fenech Adami faħħar sehem Sandy fil-politika Maltija u fi kliemu sostna li Sandy kien ta' ġid għan-nazzjon. Il-bijografija tidħol fid-dettall dwar Sandy Cachia Zammit u minbarra s-sehem tiegħu fil-politika l-awtur jagħti ħarsa dettaljata fost l-oħrajn lejn l-arblu tar-razza, il-perjodu li Sandy qatta' bħala suldat u l-mod kif l-Għaqda Mużikali Beland taħt il-presidenza ta' Sandy saret waħda mill-aqwa baned f'Malta. F'din il-bijografija Grech ma jonqosx li juża dokumentazzjoni ġdida li qatt ma ntużat qabel u ma jonqsux xrariet ta' interpretazzjonijiet kontroversjali. Parti mid-dokumentazzjoni ta' dan il-ktieb inbniet fuq serje twila ta' laqgħat bejn Grech u Cachia Zammit. Sergio Grech hu gradwat fl-Istorja ta' Malta u kien l-ewwel Direttur Eżekuttiv tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb. Din hija t-tieni bijografija ta' Sergio Grech. Fis-sena 2004, Grech ippubblika l-bijografija tal-Kapuċċin Feliċjan Bilocca. Is-sena li għaddiet editja l-ktieb *Duminku Mintoff Bejn Storja u Miti*. Iktar informazzjoni dwar il-ktieb tista' tinkiseb minn info@kitegroup.com.mt.

## F'SALIB IT-TOROQ

F'Salib it-toroq , waħdek timxi
m'hemmx tabelli, dwal jew ħjiel,
m'hemmx sinjali, lanqas vleġeġ,
hemm biss kruha...ma hemmx ġmiel

Kollox jieqaf, sa ma tagħżel,
liema triq...trid tagħżel int
għax hemm ħajtek tissospendi
għax hemm ruħek fil-miżien...

U jekk tagħżel triq ħażina
tħallas b'ruħek u b'futurek
imma jekk tagħżilha tajjeb
tista' ssib l-hena tul ħajtek...

Għax hemm, fejn it- triq tissallab,
hemm il-ħofra tan-nirien
hemm ukoll mistrieħ ta' dejjem,
u tal-ġenna il-bibien...

***Manuel Casha, 23 July 2001***

## TISLIMA LIL JOE SALIBA

Ġuż! Qabel kelli siegħa sewqan biex niġi għandek,
Imma issa mortli ħafna aktar 'il bogħod . . .
'il hemm mix-xemx, mill-qamar u l-vojt ta' warajhom.

Hemm fejn twemmini jgħid li hu post it-tajbin.
Hekk tgħallimt ċkejken u hekk bqajt nemmen,
Allavolja kultant jiġu dubji, jif jiġu fuq kulħadd.

Nemmen li hemm inti ltqajt mal-għeżież tiegħek,
Ma' ħbiebek u, għax inti poeta, żgur li ltqajt ma' oħrajn bħalek.

Jiena ċert li "tas-Siġġiewi" laqgħek fi ħdanu,
U l-oħrajn ukoll.

Hawnhekk għadna sejrin, għad li tnaqqarna biċċa sew.

Sabiħ li konna niltaqgħu kultant,
Iżda issa, Ġuż, b'xorti tajba baqa' vrusek . . .
. . . il-poeżija miġbura ta' Joe Saliba . . .
X'TEŻOR!

Grazzi u saħħa fejn qiegħed, Ġuż!

***Fredu Cachia, Melbourne, Novembru 2013***



***Wiehed mill-aħħar ritratti li ħadt lil Joe Saliba u Fredu Cachia f'wieħed mill-Festin tal-Milied. Naf żgur li hu ritratt għażiż għal Fredu.***

## *Jikteb Joe Borg, Segretarju, Akkademja tal-Malti*

L-Akkademja tal-Malti u d-Dipartiment tal-Kurrikulu u t-Tagħlim Elettroniku organizzaw it-taħdita **Int kif tlissinha *jaqraha*?** fiċ Ċentru Nazzjonali tal-Kurrikulu (NCC), il-Ħamrun.

Fil-klassi l-għalliema jgħallmu li kelma bħal jaqraha rridu llissnuha [jaqrà], mhux [jaqraħħa]. U ħafna jiskantaw kif illum mhux l-istudenti tal-Primarja u s-Sekondarja biss ilissnu [jaqraħħa], imma l-ħaddiema u l-professjonisti żgħażagħ ukoll.

L-istudju ta' Christina Sammut fuq il-firxa tal-pronunzja [jaqraħħa] ma joqgħodx fuq l-impressjonijiet imma huwa msejjes fuq stħarriġ sistematiku ma' tfal, nisa u rġiel magħżula minn lokalitajiet differenti, bi sfond edukattiv differenti u li l-età tagħhom tvarja minn 10 snin sa 95 sena. Ir-riżultati sa issa jindikaw li, almenu f'Malta (għax Għawdex ma kienx inkluż fir-riċerka), il-varjabbli soċjali li tħoll u torbot kif illissnu jaqraha hija l-età.

L-istħarriġ juri mhux biss li terz tal-intervistati jlissnu [jaqraħħa] imma wkoll li l-perċentwal huwa wisq ogħla jekk nieħdu ż-żgħażagħ għalihom. Din it-taħdita kellha tinteressa lill-għalliema u lill-eżaminaturi għax, għalkemm din il-bidla fil-ħoss hija mifruxa ħafna, jidher li mhix aċċettata fl-eżamijiet orali.

*Dwar il-kelliema: Christina Sammut kisbet grad tal-ewwel klassi fil-Baċellerat tal-Malti (Unuri), b'teżi marbuta mal-pronunzja tas-suffissi pronominali -aha, -ahom, -ahulu. Fl-2012 iggradwat fil-qasam pedagoġiku u issa tgħallem il-Malti fl-MCAST.*

# IL-LAQGĦA T'OTTUBRU

Nhar il-Ġimgħa, 25 t'Ottubru, il-Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria żamm il-laqgħa tax-xahar fiċ-Ċentru Malti ta' Parkville, fis-7.30 pm. Għal din il-laqgħa attendew 12-il membru. Kien hemm ħames apoloġiji. Kien hemm xi membri li qraw xi xogħol li kitbu huma stess jew xogħol t'awturi oħra. Fredu Cachia qara' poeżija li kiteb huwa stess għall-memorja tal-mibki u qatt minsi membru tagħna, Joe Saliba, li miet dan l-aħħar. Maria Catania qrat poeżija tagħha, "L-Għalliema li m'għandhiex fidi". Paul Vella qara' poeżija komika li rċieva ftit jiem qabel minn fuq l-*internet*, "Papa`, erġa saffarlu", meħudha mit-Tieni Ktieb tal-Qari Malti, 1904. Marie Louise Anastasi qratilna forsi waħda mill-aħħar poeżiji li kiteb Joe Saliba, "Ġimgħa l-Isptar". Dr Victor Sammut qralna xi proża ta' Dun Xand Cortis: "Is-seftura mberfla", "L-Imbid imgħammed" u "Il-Mazzita fil-Quddiesa".



**Fir-ritratt, fuq wara, mix-xellug għal-lemin, Paul Vella, Rosemary Attard, Salvina Vella, Victor Sammut, Charles Attard u Alfred Xuereb. Fuq quddiem, mix-xellug għal-lemin, Maria Catania, Marie Louise Anastasi, Ray Anastasi, Fr Dom De Giorgio, Vicky Cachia u Fredu Cachia.**